# Statut MKSU 2009

## Preliminari

1. (a) Għall-għanijiet ta' dan l-istatut:

   'Moviment' tirreferi għall-'Moviment Kattoliku Studenti Universitarji'
   'Universita' tirreferi għall-'Universita ta' Malta'.
   'Kumitat' tirreferi għall-'Kumitat Eżekuttiv'

   (b) Kull kariga jew uffiċċju tal-Moviment jista' jimtela kemm minn mara kif ukoll minn raġel.

   (ċ) Fejn dan japplika, kull referenza għas-sess maskil tgħodd ukoll għas-sess feminili.

## Definizzjoni

2. Il-Moviment Kattoliku Studenti Universitarji (MKSU) huwa għaqda volontarja ta' studenti ta' l-Universita, affiljata mal-*International Movement of Catholic Students* (IMCS).

3. Il-Logo tal-Moviment iġib l-ittri 'mksu' fuq faxxa sfumata mill-aħmar, għall-aħdar, għall-isfar, għall-ikħal bl-islogan 'CHRISTIAN VALUES THROUGH SOCIAL COMMITMENT' miktub taħt, fil-format li ġej:

4. L-għanijiet tal-Moviment huma li:

   (i) iservi ta' vuċi għall-istudenti Kattoliċi ta' l-Universita,
   (ii) jaħdem favur valuri Nsara, u ġustizzja soċjali,
   (iii) jaħdem biex jibni komunita nisranija, ħajja u dinamika, fl-Universita,
   (iv) iservi ta' forum għall-istudenti universitarji li jappartjenu għal għaqdiet Kattoliċi barra mill-Universita.

## Sħubija

5. (a) Kull persuna mgħammda li tikkonsidra lilha nnifisha bħala Kattolika u hi reġistrata bħala student ma' l-Universita tkun membru assoċjat tal-Moviment.

   (b) Membru assoċjat jibqa' membru assoċjat sakemm jibgħat ittra bil-miktub li ma jridx jibqa'

membru, jew sa sena wara li jiggradwa jew li jlesti l-kors li jattendi fl-Universita.

6. (a) Sabiex student isir membru sħiħ tal-moviment, dan għandu jimla l-formula tas-sħubija bil-miktub jew permezz tas-sit elettroniku jew jibgħat ittra bil-miktub jew b'mod elettroniku lill-kumitat fejn fiha jesprimi x-xewqa tiegħu biex jissieħeb.

(b) Membru sħiħ għandu d-dritt u d-dmir li jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Moviment b'mod attiv, jsemma' l-opinjoni tiegħu dwar affarijiet li jirrigardwaw il-Moviment u jivvutaw għall-Kumitat. Sabiex wieħed jiġi nominat għall-Kumitat għandu jkun membru sħiħ.

7. Studenti li jħaddnu twemmin ieħor jistgħu jiġu aċċettati bħala membri onorarji b'approvazzjoni tal-Kumitat.

<u>Ilsien</u>

8. L-ilsien uffiċjali tal-Moviment huwa l-Malti, iżda ilsna oħra jistgħu jintużaw jekk ikun meħtieġ.

<u>Il-Laqgħa Ġenerali</u>

9. (a) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha tiltaqa' darba fis-sena, bejn ix-xhur ta' Marzu u Mejju, f'data, post u ħin determinat mill-Kumitat.

(b) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha tittratta dan li ġej:-

(i) Ħatra ta' Chairperson
(ii) Minuti u *matters arising*
(iii) Qari u approvazzjoni tar-rapport tal-President
(iv) Qari u approvazzjoni tar-rapport amministrattiv imħejji mis-Segretarju Ġenerali
(v) Qari u approvazzjoni tar-rapport finanzjarju mit-Teżorier
(vi) Qari u approvazzjoni ta' rapporti oħra
(vii) Ħatra ta' Kummissjoni Elettorali

(ċ) Is-Segretarju Ġenerali huwa fl-obbligu li jagħmel avviż, fil-bini ta' l-Universita, dwar il-post u l-ħin fejn ser tiltaqa' l-Laqgha Ġenerali tal-anqas tlett ijiem utli mid-data stabbilita għall-istess Laqgħa Ġenerali.

10. Laqgħa Ġenerali Straordinarja tiltaqa' meta:-

(i) 25% tal-membri sħaħ, jew 25 membru sħiħ jagħmlu talba bil-miktub lill-President għal dan il-għan. Fl-ittra jridu jagħtu r-raġunijiet tagħhom. Din it-talba trid tiġi milqugħa u mwettqa mill-Kumitat fi żmien xahar minn meta ssir. Jekk dan ma jsirx, dawn li jagħmlu

t-talba għandhom javżaw il-membri sħaħ bl-aħjar mod possibbli u jsejħu laqgħa huma f'post, f'ħin u f'ġurnata determinata minnhom li iżda ma tkunx qabel 35 ġurnata minn meta saret it-talba oriġinali,
(ii) waqt il-Laqgħa Ġenerali, 2/3 mill-membri sħaħ preżenti japprovaw il-mozzjoni għal dan il-għan,
(iii)il-Kumitat iħoss il-ħtieġa.

11. Dawk biss li huma membri sħaħ jistgħu jivvutaw waqt Laqgħa Ġenerali.

12. (a) Il-Quorum waqt il-Laqgħa Ġenerali huwa ta' għaxra fil-mija tal-membri sħaħ.

(b) Jekk il-quorum ma jintlaħaqx, il-Laqgħa Ġenerali ssir bil-membri preżenti wara li jkunu għaddew ħmistax-il minuta mill-ħin stabbilit għall-bidu tal-laqgħa.

13. Il-Laqgħa Ġenerali hija l-ogħla organu tal-Moviment.

<u>Elezzjoni tal-Kumitat</u>

14. (a) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha taħtar kummisjoni elettorali ta' mhux anqas minn tlett u mhux aktar minn seba' studenti.

Dawn l-istudenti għandhom ikunu jew membri sħaħ jew membri assoċjati u (fil-każ li huma membri sħaħ) ma jistawx jiġu nominati għal dik l-istess elezzjoni tal-Kumitat li tkun ser tissejjaħ.

(b) Jekk bejn Laqgħa Ġenerali Annwali u oħra jkun hemm xi vakanza fil- Kumitat, il-Kumitat jaħtar student/i (massimu tlieta) bħala Kummissjoni Elettorali, skond Artiklu 18.

15. (a) Il-Kumissjoni Elettorali għandha tippubblika f'Dar l-Istudenti sejħa għan-nomini għall-elezzjoni tal-Kumitat mhux aktar tard minn jumejn utili wara l-għeluq tal-Laqgħa Ġenerali Annwali. In-nomini jagħlqu fil-ħamsa ta' filgħaxija tal-ġurnata utli wara s-sejħa.

(b) Sabiex nomina tkun valida, jinħtieġu l-firem tal-proponent u sekondant u tal-persuna nominata, fejn din ta' l-aħħar trid tkun membru sħiħ filwaqt li l-proponent u s-sekondat iridu jkunu membri sħaħ jew assoċjati.

15A. Il-Kummisjoni Elettorali għandha d-dmir li tara li l-kandidati jġibu ruħhom b'etika fejn tidħol promozzjoni personali. Din qatt m'għandha tkun a skapitu ta' persuna oħra, kandidata jew le. Il-kriterju li l-kummisjoni trid tadotta hu li tara li dejjem jiġu mħarsa prinċipji ta' solidarjeta` Nisranija.

Jekk jirriżulta li jkun hemm xi kanditat li ma jimxix ma' dawn il-prinċipji, il-kummissjoni elettorali, wara inkjesta biex taċċerta ruħha mill-fatti, għandha tiskwalifika minnufih lil din il-persuna permezz ta' ittra bil-miktub li tintbgħat lil persuna konċernata fl-inqas żmien possibli.

Jekk l-inkjesta ma tkunx ġiet konkluża sad-data ta' l-elezzjoni u l-persuna in kwistjoni tiġi eletta, din tokkupa il-kariga sakemm joħroġ ir-riżultat ta' l-inkjesta. F'dan il-każ il-kummisjoni elettorali għandha tibgħat riżultat bil-miktub lil persuna konċernata kif ukoll lil kumitat uxxenti u dak elett.

16. (a) Jekk meta jagħlqu n-nomini, in-numru ta' nomini jkun ta' disgħa, dawn il-kandidati jiġu awtomatikament eletti.

(b) Jekk meta jagħlqu n-nomini, in-numru ta' nomini validi jkun anqas minn disgħa, dawn il-kandidati jiġu awtomatikament eletti, pero l-Kummissjoni Elettorali għandha toħroġ twissija oħra għall-postijiet li jibqgħu vakanti, u tali elezzjoni titmexxa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-istatut.

Iżda jekk meta tagħlaq it-tieni sejħa għan-nomini, il-postijiet vakanti jibqgħu ma jimtlewx kollha, il-Kumitat għandu jibda jiffunzjona bin-numru ta' membri eletti waqt iż-żewġ sejħiet ta' nomini, kemm-il darba in-numru ma jkunx anqas minn tlieta.

F'każ li l-Kumitat jibda jiffunzjona b'inqas minn disgħa membri, huwa għandu jaħtar Kumissjoni Elettorali oħra fil-bidu ta' Novembru, biex jimtlew il-postijiet vakanti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-istatut.

(ċ) Jekk jagħlqu n-nomini, in-numru ta' nomini validi jkun aktar minn disgħa, il-Kummissjoni Elettorali għandha tippublika twissija ta' l-inqas f'Dar l-Istudent bil-lista tal-kandidati mhux aktar tard minn ġurnata utili wara l-għeluq tan-nomini. Fl-istess twissija l-Kummissjoni għandha tinkludi l-ġurnata, l-post u l-ħin iffissat għall-votazzjoni. Il-votazzjoni għandha tibda mhux aktar tard mill-10:00a.m. tal-ġurnata magħżula u għandha ddum mhux anqas minn ħames sigħat mingħajr waqfien. Mill-publikazzjoni ta' din it-twissija sad-data tal-votazzjoni, għandhom jgħaddu mhux aktar minn ħamest ijiem utili.

Dawk li huma eleġibli għall-vot huma dawk li huma membri sħaħ sa qabel il-Laqgħa Ġenerali.

Jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' votazzjoni, il-Kummissjoni Elettorali għandha tadotta s-sistema ta' *First Past the Post*, u tiddikjara eletti d-disa' kandidati li jkunu ġabu l-akbar ammont ta' voti. Il-proċess ta l-għadd tal-voti għandu jibda immedjatament kif jagħlaq il-ħin tal-votazzjoni kif avżat. L-għadd tal-voti għandu jsir bil-miftuh skond kull prinċipju demokratiku.

17. Mhux aktar tard minn ġurnata utili mill-għeluq ta' l-għadd tal-voti (jekk issir votazzjoni) jew mill-għeluq tan-nomini (meta ma tinħtieġx votazzjoni), il-Kummissjoni Elettorali għandha tippublika r-riżultati ta' l-inqas f'Dar l-Istudenti, liema riżultati ikunu iffirmati minn mhux anqas minn nofs il-membri tal-istess Kummissjoni.

18. (a) F'każ ta' vakanza fil-Kumitat, il-Kumitat għandu jaħtar Kummissjoni Elettorali ta' student/i (massimu ta' tlieta) fi żmien tlett ijiem utili mis-seħħ tagħha.

(b) Sabiex jimtela post vakanti, il-Kummissjoni Elettorali tista' ssejjaħ Elezzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikli 15, 16, u 17, li japplikaw bit-tibdiliet neċessarji.

(ċ) Jekk il-Kummissjoni Elettorali tiddeċiedi li ma ssejjaħx elezzjoni, għandha tissottometti raġunijiet tagħha bil-miktub lill-Kumitat. F'każ li l-Kumitat ma jaċċettax dawn ir-raġunijiet, jista' jordna lill-Kummissjoni Elettorali biex issejjaħ elezzjoni.

19. F'każ straordinarju, l-Laqgħa Ġenerali, fl-unanimità tagħha tista tiddeċiedi li taħtar minn ġo fiha l-membri tal-Kumitat il-ġdid. Dan isir billi jkun hemm proponent u sekondat ta' kull membru, skond artiklu 15. Dawn il-membri jridu jiġu eletti b'żewġ terzi tal-membri sħaħ preżenti għall-Laqgħa Ġenerali.

<u>Il-Kumitat</u>

20. (a) L-ewwel laqgħa ta' Kumitat ġdid wara l-elezzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn ġimgħatejn wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-elezzjoni. Ilħatra ta' l-uffiċjali minn fost il-membri tal-Kumitat għandha ssir f'din lewwel laqgħa.

(b) Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, li huwa xahar wara li jinħatar, il-Kumitat il-ġdid għandu jifhem is-sistema u l-policies, biex fejn hu possibli, jkompli x-xogħol tal-Kumitat ta' qablu. Matul dan il-perjodu, il-Kumitat il-ġdid hu biss osservatur, u d-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kumitat ta' qablu.

(ċ) Il-Kumitat il-ġdid jibda jopera bħala Eżekuttiv minn xahar wara li jinħatar. Il-Kumitat tas-sena ta' qabel jiġi awtomatikament xolt.

21. (a) Il-Kumitat għandu jaħtar mill-membri tiegħu stess disa' uffiċjali: President, Segretarju Ġenerali, Teżorier, Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi, Ko-ordinatur tar-Riżorsi, Ko-ordinatur tal-Proġetti, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Nazzjonali u Djoċesan, Uffiċjal Politika Soċjali.

(b) F'każ li jkun hemm anqas minn disgħa uffiċjali, skond artiklu 16(b), fit-tqassim tal-karigi, l-għażla tal-President, Segretarju Ġenerali, Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi, jieħdu preċedenza. Il-karigi l-oħra jitqassmu skond il-ħtieġa.

(ċ) Persuna maħtura bħala President trid tkun ilha membru sħiħ għal iżjed minn sitt xhur.

(d) Il-Kumitat jista' jkun jaħtar membri *co-opted*, li ma jkollhomx vot fil- Laqgħat.

22. Id-dmirijiet tal-Kumitat huma:

(i) li jattwa d-deċiżjonijiet tal-Laqgħa Ġenerali,
(ii) jaħdem bħala Eżekuttiv tal-moviment fid-dawl tal-għanijiet imniżżla f'Art 4.
(iii) li jinterpreta dan l-istatut f'assenza ta' Laqgħa Ġenerali.

23. Il-Kumitat irid jiltaqa' għall-anqas darba kull erba' ġimgħat. Il-Laqgħa tissejjaħ mill-President wara konsultazzjoni mas-Segretarju Ġenerali li jrid jibgħat l-Aġenda, li trid tasal għand l-membri tal-Kumitat għall-anqas tlett ijiem utili qabel id-data tal-Laqgħa, f'sitwazzjoni ordinarja.

24. Il-Laqgħat tal-Kumitat isiru bil-miftuħ, u kull membru sħiħ għandu dritt jattendi bħala osservatur.

25. Jekk ikun hemm membru ta' l-eżekuttiv li ma jkunx qed iwettaq dmiru skond dan l-istatut, dan jiġi dekadut bil-mod spjegat hawn taħt:

Trid tissejjaħ laqgħa speċjali ta' l-eżekuttiv fuq petizjoni ta' mhux anqas minn sitt membri mill-eżekuttiv. Din il-laqgħa għandha tiġi preseduta mill-President ta' l-eżekuttiv ta' qabel jew f'każ li dan ma jkunx possibli, għandha tinstab persuna li fil-fehma tal-kumitat hi idonja għal dan l-irwol temporanju. Il-persuna konċernata għandha tingħata l-ispazju kollu biex tiddefendi ruħha u d-dritt li tivvota.

Id-dekadenza isseħħ fuq vot favur ta' mill-inqas 50% +1 tal-voti.

26. Il-President:

(i) jikkordina t-twettiq tal-politika mfassla mill-Kumitat,
(ii) jirrappreżenta l-Moviment f'kull attività tal-Moviment,
(iii) jagħti viżjoni, direzzjoni, u inizzjattiva tal-Moviment,
(iv) jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat.

27. Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli:

(i) għat-tmexxija ta' l-uffiċċju u l-korrispondenza,
(ii) li jinforma lil membri sħaħ b'deċiżjonijiet u attivitajiet,
(iii) li jibgħat l-Aġenda lill-membri tal-Kumitat,
(iv) li jżomm il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat.

(v) li jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

28. Il-Ko-ordinatur tal-Proġetti:

(i) jieħu ħsieb u jikkoordina l-attivitajiet
(ii) jara li jiġi mħejji rapport ta' kull attivita`
(iii) jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

29. Segretarju Internazzjonali:

(i) jiżviluppa l-kuntatti internazzjonali tal-Moviment, b'mod partikolari li jikkoordina l-parteċipazzjoni tal-Moviment fl-attivitajiet ta' l-IMCS u ta' kull tip ta' kuntatt ma' assoċjazzjonijiet barranin,
(ii) ifittex ko-operazzjoni ma' għaqdiet internazzjonali,
(iii) jikseb tagħrif dwar dak li jkun qed jiġri fl-isfera internazzjonali.
(iv) jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

30. Is-Segretarju Nazzjonali u Djoċesan:

Dan ir-rwol ghandu zewg livelli.
(a) fuq livell djocesan:
(i) jiżviluppa relazzjonijiet ma' għaqdiet religjuzi u mal-Kummissjoni Djoċesana żgħażagħ,
(ii) iżomm kuntatt regolari mas-Segretarju Pastorali tal-Kurja u jżommu nfurmat fuq l-attivitajiet kollha tal-MKSU,
(iii) għandu jattendi għal-laqgħat li huma relevanti għax-xogħol pastorali konness ma' l-MKSU, u fejn l-MKSU jkun mistieden.
(iv) għandu jattendi għal-laqgħat tal- Forum ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti tal-Lajċi fi ħdan is-Segretarjat Pastorali tal-Kurja ta' l-Arċisqof.

(b) fuq livell nazzjonali:
(i) jiżviluppa relazzjonijiet ma' għaqdiet lokali, speċjalment il-Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ,
(ii) ifittex koperazzjoni ma' għaqdiet lokali,
(iii) jikseb tagħrif dwar dak li jkun qed jiġri fl-isfera lokali.

31. (a) L-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi għandu:

(i) iservi ta' vuċi tal-Moviment fl-Universita u l-Media,
(ii) iħejji fuljett ġenerali biex jippromwovi l-Moviment u l-valuri nsara,
(iii) iħejji stqarrijiet għall-istampa,

(iv) jikkoordina x-xogħol fuq il-*webpage*.
(v) għandu jħejji promozzjoni għall-attivitajiet
(vi) jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

(b) fil-każ li l-Kumitat ma jiltaqax, stqarrijiet għall-istampa jistgħu jinħarġu mill-P.R.O., bil-kunsens tal-President u tas-Segretarju Ġenerali, wara konsultazzjoni mal-kumitat.

32. It-Teżorier:

(i) huwa responsabbli li jżomm il-kotba li juru tranżazzjonijiet finanzjarji,
(ii) huwa responsabbli li jfassal baġitt, li għandu jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat sa xahrejn wara li jibda jopera l-kumitat il-ġdid.
(iii) huwa responsabbli li jamministra l-flus kif ikun iddeċieda l-Kumitat,
(iv) huwa responsabbli li jżomm inventarju tal-propjeta kollha tal- Moviment,
(v) irid jippreżenta rapport kull tlett xhur lill-Kumitat dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Moviment.
(vi) jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

33. L-Uffiċjal Politika Soċjali:

(i) jkun responsabbli li jattendi l-laqgħat kollha tal-Kummissjoni Politika Soċjali ta' l-Universita (K.P.S.),
(ii) li jwassal lill-Eżekuttiv dak kollu li hu relevanti għalih minn dawn il-laqgħat u li jservi ta' leħen għall-MKSU f'din il-kummissjoni,
(iii) li jfassal il-politika soċjali ta' l-MKSU flimkien mal-Kumitat.
(iv) jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

34. Ko-ordinatur tar-Riżorsi:

(i) jsib metodi u possibiltajiet ġodda ta' kif jistgħu jinġabru fondi finanzjarji kemm abbażi ta' proġetti individwali, kif ukoll *sponsorships* fit-tul. Jista' wkoll ifittex possibiltajiet ta' finanzjarjament ta' proġetti mill-Unjoni Ewropeja u/jew skemi oħra. Dan skond il-ħtiġijiet u d-diskussjonijiet fl-eżekuttiv, u b'koordinament mat-Teżorier.
(ii) jaħseb għal żjieda u sosten tar-riżorsi umani, anke bil-possibilta' li jikkordina sotto-kumitat b'dan l-istess għan. Għandu jsib mod kif iżomm il-membri attivi f'komunikazzjoni max-xogħol li jsir fl-eżekuttiv, kif ukoll jara kif jista' jiżdied in-numru ta' membri attivi li lesti joffru l-kapaċitajiet tagħhom għall-ġid tal-moviment.

(iii) jagħmel kull xogħol ieħor delegat lilu mill-President, skond il-bżonnijiet preżenti tal-moviment.

35. F'każ ta' parita waqt il-vot tal-Kumitat, il-mozzjoni partikolari għandha terġa'titpoġġa għall-votazzjoni. F'każ li jerġa jkun hemm parita il-President għandu jitfa' il-*casting vote*.

L-Animatur Spiritwali

36. (a) L-MKSU għandu jkollu bħala Animatur Spiritwali, iċ-*Chaplain* ta' l- Universita. Dan l-istess *chaplain* ikun imressaq lill-Arċisqof mill-Provinċjal tal-Ġiżwiti b'konsultazzjoni mal-MKSU.

(b) L-Animatur Spiritwali huwa *ipso facto* membru sħiħ tal-Kumitat.

(ċ) L-Animatur Spiritwali:

(i) jgħin lill-Moviment jimxi fuq Valuri Nsara u Impenn Soejali,
(ii) irid jaħdem biex tinżamm l-għaqda bejn iċ-*Chaplaincy* u l-MKSU filwaqt li jirrispetta l-awtonomija ta' l-MKSU,
(iii) jgħin biex fl-ispirtu ta' l-aħħar Sinodu Djoċesan, fil-kumitat ikun hemm studenti li jirrappreżentaw għaqdiet kattoliċi lajċi differenti,
(iv) flimkien ma' oħrajn joffri opportunitajiet biex il-membri jikbru umanament u spiritwalment,
(v) jiżgura li l-kumitat jiltaqa' almenu darba fis-sena ma' l-Arċisqof.

Sotto-Kumitati, Kummissjonijiet, u Gruppi

37. (a) il-Kumitat jista' jwaqqaf Sotto-Kumitati, Kummissjonijiet u Gruppi biex jgħinuh fi dmirijietu.

(b) Dawn jistgħu jkunu ta' żewġ tipi:

(i) permanenti, jew jaħdmu matul is-sena kollha fuq aspett partikolari, jew
(ii) temporanji, jew li jikkordinaw ħidma waħda partikolari.

38. (a) Is-Sotto-Kumitat, Kummissjoni jew Grupp għandu jiġi maħtur mill-Kumitat Eżekuttiv u għandu jieħu ħsieb ix-xogħol delegat lilu mill-istess Kumitat. Biex dan il-għan jintlaħaq aħjar, membru tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jiġi nominat bħala membru *ex officio* ta' kull Sotto-Kumitat, Kummissjoni jew Grupp.

(b) Kull Sotto-Kumitat, Kummissjoni jew Grupp għandu jaħtar *Chairperson* u Segretarju minn fost il-membri maħtura, inkluża dawk *ex officio*.

(ċ) Iċ-*Chairperson* u s-Segretarju, għandhom ikunu membri sħaħ tal-Moviment. Membri oħrajn ta' Sotto-Kumitat, Kummissjoni jew Grupp li mhumiex membri sħaħ tal-Moviment iridu jkunu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv.

(d) Kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv li ma jkunx appuntat fuq Sotto-Kumitat, Kummissjoni jew Grupp għandu dritt jattendi l-laqgħat bħala osservatur, jiġifieri mingħajr dritt għall-vot.

Rappreżentanza

39. Minbarra x-xogħol amministrattiv u l-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet, l-MKSU għandu wkoll responsabbiltajiet ta' rappreżentanza f'organizzazzjonijiet oħra.

(i) Iċ-*Chapliancy Council*: Il-President jew membru ieħor tal-Kumitat appuntat minnu huwa membru *ex officio* taċ-*Chaplaincy Council* u jattendi l-laqgħat ta' l-istess Kunsill.
(ii) Kummissjoni Politika Soċjali: L-MKSU għandu dritt u dmir jipparteċipa fil-laqgħat tal-K.P.S. sabiex taħdem b'mod konkret għall-ġid ta' l-istudenti fl-istruttura ta' l-Universita. Ir-rappreżentant tal-MKSU, mhux bilfors ikun membru tal-Kumitat, imma jrid ikollu l-fiduċja tal-Kumitat, sabiex jirrapreżenta l-MKSU bl-aktar mod xieraq.
(iii) IMCS: L-MKSU hija membru attiv ta' l-*International Movement of Catholic Students*. L-attivitajiet ta' l-IMCS matul is-sena jvarjaw. L-aktar importanti huwa l-*Committee* u l-Kungress. Il-Kumitat jagħżel dik il-persuna jew dawk il-persuni li jħossu jistgħu jirrappreżentawh bl-aħjar mod u li jkunu lesti jitilgħu anki fuq spejjez tagħhom. L-għażla ssir iktar importanti meta jkun hemm attivitajiet li huma *totally refunded*.
(iv) Organi oħra: Rigward organi bħall-Forum tal-Lajċi fil-Kurja, Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (Malta) u Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, l-Moviment għandu jfittex li jkun rappreżentat. Fejn dan ma jkunx possibli, il-Moviment għandu jfittex isib l-aħjar mod ta' komunikazzjoni ma' dawn l-organi.

Tibdil fl-Istatut

40. Tibdil f'dan l-istatut isir biss wara diskussjoni formali tat-tibdiliet f'Laqgħat Ġenerali, fejn it-tibdiliet ikunu fuq l-Aġenda, u fejn żewġ terzi tal-membri sħaħ preżenti jaqblu ma' dan it-tibdil ħlief fil-każ ta' żbalji ortografiċi u grammatikali.

41. Dan l-istatut ġie emendat u approvat waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' nhar il-5 ta' Mejju 2009.